MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 284/2007

**AIC Raymond Sammut**

**Vs**

**Awtorita tad-Djar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li talab li l-Awtorita konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn, seba' mija, disgha u erbghin lira u erbghin centezmi (LM2749.40) drittijiet professjonali bhala perit arkitett in konnessjoni ma' prestazzjonijiet professjonali moghtija lilha in konnessjoni mat-Tarxien Housing Estate, bazati fuq Tariffa K tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Dicembru 2006, u bl-imghax legali kontra l-Awtorita konvenuta, li giet ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-ammont rikjest mhuwiex dovut peress li l-attur ma mexiex skond il-ftehim, ix-xoghol tieghu ma huwiex komplet u ma huwiex sufficjenti jew skond il-professjoni kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni;
3. Illi l-konvenuti sofrew danni u spejjez naxxenti mill-fatt li l-attur naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu u naqas li jaghmel ix-xoghol fiz-zmien jew b'mod sodisfacenti ghalhekk qed jipprevalixxu rwiehom minn din il-kawza biex jaghmlu din il-kontro-talba.

Rat il-kontro talba tal-Awtorita konvenuta fejn talbet li l-attur jigi ikkundannat ihallas lill-Awtorita konvenuta dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti u li ma taqbizx l-elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500), u li tirrapprezenta danni u spejjez inkorsi mill-Awtorita konvenuta meta l-attur naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu u naqas ukoll li jlesti x-xoghol fiz-zmien miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri tat-12 ta' April 2007, tas-16 ta' Jannar 2007 u tat-28 ta' Novembru 2006, u bl-interessi. L-attur gie ingunt jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontrotalba tal-Awtorita konvenuta, fejn eccepixxa:

1. illi huwa ottempera ruhu mal-obbligi kuntrattwali tieghu u wettaq xogholu bl-ahjar hila u b'mod professjonali; konsegwentement huwa ma rreka l-ebda danni lill-Awtorita u ghalhekk it-talba tal-Awtorita ghandha tigi michuda;
2. illi l-pretensjoni tal-Awtorita hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda;
3. illi fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita trid tipprova d-danni materjali allegatament sofferti minnha.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti kif jirrizultaw mill-provi prodotti huma s-segwenti:-

1. B'ittra tat-30 ta' Novembru 2005 l-attur AIC Raymond Sammut gie infurmat mill-Awtorita konvenuta li kien intghazel sabiex ilesti dokumenti ghal hrug ta' tenders ghal erba' siti f'Hal-Tarxien.[1] Mal-istess ittra kien hemm mhemuza d-doveri tieghu u fosthom kien hemm miktub hekk: *"A time frame for services rendered for items 1-3 must be agreed upon."* B'ittra tas-7 ta' Dicembru 2005 AIC Raymond Sammut accetta dan l-inkarigu bil-hlas, skont kif kien miftiehem.[2]
2. Fl-14 ta' Dicembru 2005 AIC Raymond Sammut baghat e-mail lil Perit Sandra Magro tal-Awtorita tad-Djar fejn ikkonferma li l-ewwel fazi ta' dan ix-xoghol kellu jiehu gimghatejn ghal kull wahda mill-erba' plots, cioe, perjodu totali ta' tmien gimghat, minn meta huwa jircievi *"drawings in ACAD 2000 format"*. Huwa rcieva dawn id-*"drawings"* fid-19 ta' Dicembru 2005. Ghalhekk ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien tmien gimghat mid-19 ta' Dicembru 2005, u cioe, ghal madwar in-nofs ta' Frar 2006.[3]
3. Gara li n-nofs ta' Frar 2006 gie u ghadda, u x-xoghol kien ghadu ma tlestiex. Infatti giet ezebita e-mail tal-Perit Sandra Magro tal-Awtorita tad-Djar, bid-data 20 ta' Frar 2006, fejn l-istess Perit Magro qed titlob lill-attur sabiex jaghtiha dan ix-xoghol malajr kemm jista' jkun.[4] Wara din l-e-mail intbaghtu hafna e-mails ohra, b'dati li jibqghu sejrin sas-27 ta' Marzu 2006, fejn il-Perit Magro dejjem qed titlob lill-attur sabiex itiha x-xoghol li kellu jaghmel.[5] Min-notamenti tal-Perit Magro fuq Dokument F[6] jirrizulta mhux biss li l-attur kien qed jikkonsenja x-xoghol mhux biss tardivament imma wkoll bicca, bicca, u mhux komplut, izda wkoll li l-bicciet tax-xoghol li kien qed jikkonsenja kien jehtiegilhom korrezzjonijiet.

[1] Ara l-ittra mibghuta mill-Awtorita tad-Djar lil Perit Raymond Sammut a fol. 11, 12 tal-process.
[2] Ara l-ittra mibghuta mill-Perit Raymond Sammut lill-Awtorita tad-Djar a fol. 13 tal-process.
[3] Ara e-mail mibghuta mill-Perit Raymond Sammut lil Perit Sandra Magro a fol. 14 tal-process.
[4] Ara fol. 15 tal-process.
[5] Ara fol. 16 sa 19 tal-process.
[6] Ezebit a fo. 17 tal-process.

4. Il-problema principali kienet li l-attur kien isiefer ta' spiss hafna. Effettivament jidher li fl-ahhar qabbad draughtsman biex jghinu fix-xoghol, u dan id-draughtsman ta lill-Perit Magro CD ix-xoghol allegatament komplut fil-11 ta' April 2006. Meta l-Perit Magro ezaminat ix-xoghol migjub lilha, hija ghamlet is-segwenti notament "*mistakes were noted in the quantities and the format of the bill was not acceptable. The electrical drawings were not correct and the draughtsman said that these had been done by himself and were not checked by an electrical engineer*".[7]
5. L-Awtorita konvenuta ezebit ukoll Dok H li hija nota lill-Perit Magro miktuba bl-idejn minn xi hadd li iffirma "Warren f/Arch Sammut" – l-attur ikkonferma li d-draughtsman tieghu kien jismu Warren. Din in-nota tghid hekk: *"Attached please find the amended docs and the old one, attached you will also find a set of drawing; note that the ones with electrical layout are still to be replaced with the fresh ones. As regards BOQ font, I could not resolve it, my printer seems to be scaling them down. Kindly check the tender for any mistake; as soon as you confirm I will print the four sets."*[8]
6. Kien f'dan il-punt l-Perit Magro tkellmet mac-Chairperson tal-Awtorita konvenuta u gie deciz li l-Awtorita ma setghetx tkompli tahdem *"with an architect who assigned the work to a draughtsman, did not deliver on time, was often abroad, did not return calls or emails and was generally not able to offer the service required satisfactorily."* Ghalhekk l-attur gie mgharraf mill-Awtorita konvenuta li ma kenux ser jahdmu aktar mieghu. Infatti f'dan l-istadju l-Awtorita qabdet lil Perit Alison Attard minfloku – perit li tahdem mal-Awtorita konvenuta - sabiex tiehu hsieb dan l-inkarigu.[9]
7. Ix-xoghol li ghamel l-attur ma ntuza ghal xejn, ghaliex il-Perit tal-Awtorita kellha terga' tibda kollox mill-bidu, stante li l-ebda perit ma joqghod fuq xoghol ta' perit iehor, minhabba r-responsabbilita li l-ligi tpoggi fuq il-periti dwar ix-xoghol taghhom.[10]
8. Sussegwentement l-attur baghat invoice lill-Awtorita tad-Djar ghax-xoghol li hu kien lahaq ghamel sa dan l-istadju, bid-data 21 ta' April 2006, liema invoice kienet

[7] Ara nota bil-miktub, maghmula mill-Perit Sandra Magro a fol. 18 tal-process.
[8] Ara Dok H a fol. 19 tal-process.
[9] Ara nota bil-miktub, maghmula mill-Perit Sandra Magro, a fol. 18 tal-process.
[10] Ara xhieda tal-Perit Sandra Magro a fol. 41 tal-process u ta' Carmen Azzopardi a fol. 63 tal-process.

tammonta ghal elfejn, seba' mija, disgha u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm2749.40).[11]

9. L-Awtorita konvenuta irrifjutat li thallas din l-invoice, minhabba fin-nuqqasijiet tal-attur.[12]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel u t-Tieni Eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta*

Din il-Qorti ser titratta l-ewwel, l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta, li huma fis-sens li l-ammont rikjest mhuwiex dovut peress li l-attur ma mexiex skont il-ftehim, ix-xoghol tieghu ma huwiex komplet u ma huwiex sufficjenti jew skont il-professjoni.

Illi l-kuntratt li kien hemm bejn l-attur u l-Awtorita konvenuta kien wiehed t'appalt, u ghalhekk l-Awtorita, ai termini tal-Artikolu 1640(1) u (5) tal-Kodici Civili kellha kull dritt ixxolji l-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol kien diga inbeda, dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti. Il-kwistjoni hija jekk l-Awtorita kellhix raguni valida tittermina l-kuntratt, ghaliex f'dak il-kaz hemm japplikaw disposizzjonijiet differenti.

[11] Ara fol. 20 tal-process.
[12] Ara fol. 22 tal-process

Fid-dawl tal-fatti fuq esposti, li l-attur mhux biss ma lestiex ix-xoghol fiz-zmien pattwit, izda ix-xoghol li ta fl-ahhar ma kienx komplet u kellu l-izbalji fih. Ghalkemm fix-xhieda tieghu u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jinsisti li ma kien hemm l-ebda zmien pattwit li fih kellu jsir ix-xoghol, il-provi juru l-kuntrarju. Huwa vera li l-ittra li biha l-Awtorita konvenuta infurmatu li kien intaghzel ghall-inkarigu ma kienx hemm stipulat zmien, izda fid-dokument anness mal-istess ittra kien hemm imnizzel li ghax-xogholijiet elenkati bhala items 1-3 *"a time-frame ... ... must be agreed upon beforehand."* Fil-fatt, kien l-attur stess li b'email tal-14 ta' Dicembru 2005, ikkonferma iz-zmien li kellu bzonn sabiex jespleta dan l-inkarigu u informa lill-Perit Magro tal-Awtorita konvenuta hekk: *"This is to confirm that the work associated with the first phase of the different sites shall take 2 weeks for each site from receipt of the drawings in ACAD 2000 format."* Dawn ircevihom fid-19 ta' Dicembru 2005.[13]

Mill-provi jirrizulta li l-Perit Sandra Magro ghall-Awtorita konvenuta ghamlet diversi kuntatti mal-attur sabiex tigri warajh ghax-xoghol, u li ma kienx facli taghmel kuntatt mieghu billi huwa kien ikun ta' spiss imsiefer. Jidher car li l-attur ma zammx mat-time frame li kien wieghed, u minflok lesta x-xoghol sa nofs Frar 2006, ix-xoghol gie kkonsenjat lil Ms Magro fil-11 ta' April 2006, u dan b'mod inkomplet u bl-izbalji, kif gie spjegat iktar il-fuq. Ghaldaqstant, l-Awtorita konvenuta kellha raguni valida sabiex twaqqaf il-kuntratt tal-attur.

Ghalhekk, it-tieni punt li jrid jigi deciz huwa xi hlas l-Awtorita ghandha taghti lill-attur f'dawn ic-cirkustanzi. Artikolu 1640 (3) tal-Kodici Civili jippreskrivi illi: *"Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra."*

Ix-xoghol li lahaq ghamel l-attur ma kien ta' ebda utilita ghall-Awtorita konvenuta, ghaliex ladarba l-attur ma wettaqx l-appalt fil-hin, l-Awtorita kellha taghmel ix-xoghol bil-perit taghha. Ovvjament din il-Perit kellha tibda xoghol mill-gdid ghax l-ebda perit ma jrid u ma jista' jassumi r-responsabbilita ta' xoghol maghmul minn Perit iehor minghajr ma jikkonstata kollox mill-gdid. Wiehed irid jikkunsidra

[13] Ara Dok C a fol. 14 tal-process.

wkoll li hu ovvju, li l-Awtorita konvenut tat dan l-appalt lill-attur, perit privat, sabiex il-periti taghha jkunu hielsa biex jahdmu fuq xoghol iehor.

Skond l-invoice tal-attur, l-ispejjez u l-valur tax-xoghol tieghu jammontaw ghas-somma ta' elfejn, seba' mija, disgha u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm2749.40),[14] li hi kalkulata fuq 2% tal-valur tal-erbgha (4) siti, u dan skont il-ftehim mal-Awtorita konvenuta. Pero huwa naqqas l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ghal *"works on the mechanical and electrical services",* li hu stess qed jammetti li ma ghamilhomx, kif kellu l-obbligu li jaghmel. Fi kliem iehor l-attur qed jippretendi prattikament hlas komplet daqs li kieku hu ghamel ix-xoghol fil-hin u skont l-arti u s-sengha.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, in partikolari li x-xoghol tal-attur ma kellu l-ebda uzu ghall-Awtorita konvenuta, u li fi kwalunkwe kaz ix-xoghol li ta ma kienx skont l-arti u s-sengha, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-attur ma huwa intitolat ghall-ebda kumpens.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni tal-Awtorita Konvenuta u l-Kontro-talba taghha</u>*

It-tielet eccezzjoni hija li konsegwenza tal-agir tal-attur, l-Awtorita konvenuta sofriet danni u spejjez, u talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-attur ihallasha dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti u li ma taqbizx l-elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500), u li tirrapprezenta dawn id-danni u spejjez.

Il-Qorti tirreileva li l-kuntratt ta' bejn l-attur u l-Awtorita konvenuta ma kien jistipula ebda tip ta' penali ghal dewmien fit-tlestija tax-xoghol.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita konvenuta tissottometti illi *"id-danni li inkorriet l-Awtorita huwa il-valur tal-istess kuntratt moghti lill-attur u dan stante li kif gie pruvat dak ix-xoghol li kellu jwettaq l-attur fil-fatt spiccaw biex kellhom iwettquh il-periti tal-Awtorita tad-Djar. Ghalhekk*

[14] Ara Dok A a fol. 2 tal-process.

*ukoll il-kontro-talba tal-Awtorita ghandha tigi milqugha ghall-istess ammont li qed jigi reklamat mill-attur."*

In vista tal-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-Awtorita m'ghandha thallas l-ebda ammont lill-attur, isegwi li fil-prattika l-Awtorita hallset lill-perit taghha stess ghax xoghol li kellu jigi ezegwit mill-attur. Konsegwentement l-Awtorita m'hi ser issofri l-ebda danni, u ghalhekk, il-kontro-talba ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta;
2. tichad it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta;
3. tichad it-talba tal-attur fl-intier taghha,
4. tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba,
5. tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenut ghall-kontro-talba, u
6. tichad il-kontro-talba tal-Awtorita konvenuta.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------